# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 1 ta' Novembru 2019

**Rikors Numru : 552/2018JPG**

**Kawza Numru : 21**

**MV**

**vs**

**PG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MV, datat 12 ta' Dicembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi hija zzewget lill-intimat fl-ghaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997) – (Certifikat taz-zwieg anness u markat Dokument 'A').*

*Illi l-partijiet xoljew u illikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u resqu ghas-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ippubblikat in atti Nutar Dottor Francesca Shwalbe fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) (kopja annessa u markata Dokument 'B').*

*Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, EG li twieldet f'X u LG li twieldet f'Y, u ghaldaqstant it-tnejn minorenni.*

*Illi l-manteniment dovut ghall-minuri E u Lahwa G qed jithallas regolarment mill-intimat u ghalhekk m'hemmx arretrati ta' manteniment.*

*Illi r-rikorrenti dddekadiet mid-dritt taghha li titlob u tircievi manteniment minghand l-intimat filwaqt li l-intimat irrinunzja mid-dritt tieghu illi jitlob jew jircievi manteniment minghand ir-rikorrenti.*

*Illi sal-lum ghaddew aktar minn erba' (4) snin mid-*data *li fiha l-partijiet isseparaw minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti MV titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat PG bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skon il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti dina l-Onorabbli Qorti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' PG, datata 19 ta' Lulju 2019, a fol 25 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti jikkonferma l-kontenut tar-rikors tal-attrici u fic-cirkostanzi ma jopponix ghat-talba tal-istess attrici diment illi ma jbat l-ebda spejjez.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MV** xehdet illi l-partijiet izzewgu fl-10 ta' Gunju 1997 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fit-28 ta' Marzu 2013 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt' itfal, versu liema l-konvenut ihallas manteniment b'mod regolari. Ikkonfermat illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**PG** xehed u kkonferma u kkorobora x-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif***

***hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-10 ta' Ottubru, 1997, (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewg ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Francesca Schwalbe, datat 28 ta' Marzu 2013 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u li ghalhekk ilhom legalment isseparati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jinsab sodisfacentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attrici rrnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**